TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, ~~26 ta'~~ 27 Novembru, 2023**

**Talba Nru: CCT160/23/DS**

**Marian Buttigieg**

**Vs**

**B4 Textiles Co. Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Settembru, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tħallasha tminn mija u erbgħin Ewro (€840) f'rifużjoni ta' ħlas rappreżentanti l-ammont imħallas imħallas għax-xiri ta' drapp mingħand l-istess kumpanija għaliex il-pultieri meħjutin b'dan id-drapp ġew difettuzi meta nħietu u la jistgħu jiddendlu u lanqas jitranġaw;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba m'għamlitx risposta, pero' preżentat affidavit li fih qiegħda tirrespinġi l-allegazzjonijiet tal-attriċi;

Ra illi l-attriċi ma sabet l-ebda oġġezzjoni illi s-soċjeta' intimata ittella l-provi tagħha għalkemm m'għamlitx risposta formali;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi xtrat drapp tal-pultieri mingħand is-soċjeta' intimata u ħietet l-istess pultieri għand ħajjata tal-għażla tagħha. Meta dendlet il-pultieri ħareġ difett fil-kfief tal-ġnub billi dawn meta ddendlu nbarmu. Meta l-attriċi kellmet lis-soċjeta' intimata bil-problema, istess soċjeta' qabbdet il-ħajjata tagħha jħitu pultieri identiċi sabiex jaraw joħroġx id-difett u meta dawn il-pultieri inħietu, din id-darba bl-idejn, dan id-difett ma kienx preżenta ruħhu. Is-Sur Buhagiar f'isem is-soċjeta' intimata kien qal lis-sinjura attriċi illi pultieri bħal dawn suppost jinħietu bl-idejn għalhekk kienu saru b'dan il-mod.

L-attriċi f'ċertu punt tgħid illi l-ħajjata kienet għaddiet il-pultieri wara li kienet ħietet id-drapp u kien kiber 5 ċentimetri u dan għaliha kien ifisser illi d-drapp mhux tajjeb. Mistoqsija in kontro-eżami jekk il-ħajjata kienetx qaltilha li kien hemm problema meta kienet għadditilha l-pultieri l-attriċi rrispondiet fin-negattiv.

Illi meta xehdet il-ħajjata tal-attriċi ammettiet illi kienet sabet problema fil-mgħodija qabel ma ħadet il-pultieri lill-attriċi u xehdet ukoll illi qabel ma ħietet id-drapp hija ma għaddietux. Mistoqsija mit-Tribunal għalfejn la kienet indunat bid-difett ma kienetx fetqet il-pultieri u rranġathom qabel ma ħadithom lill-attriċi hija qalet illi dan għamlitu għaliex inkella kienet ser tieħu xogħol doppju. Hija qalet ukoll illi kienet kapaċi tħit il-pultieri bħalma ħietu l-pultiera identika l-ħajjata tal-B4 Textiles imma dan kien ifisser ħjata bl-idejn u ħlas aktar għoli.

Illi l-attriċi ġabet ukoll lil ħabiba tagħhha bhala xhud li hija ħajjata wkoll. Ta min jgħid illi l-imsemmija xhud qalet illi hija kienet ħietet kampjun u li għaddiet id-drapp qabel ħietet għaliex "qabel ma tfassal trid tgħaddi d-drapp...jiena hekk tgħallimt trid tgħaddi qabel tfassal."

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi s-soċjeta' attriċi preżentat ukoll ritratti tal-pultiera identika illi kienet meħjuta mill-ħajjata tagħha u din il-pultiera ma tidhirx illi għandha d-difett illi ilmentat minnu l-attriċi.

Illi barra minn hekk jidher ukoll ċar illi l-ħajjata tal-attriċi la għaddiet id-drapp qabel ma fasslet u lanqas ħietet il-pultieri bl-idejn kif għandhom jinħietu l-pultieri ta' din ix-xorta u dan m'għamlitux għaliex ma kienetx taf li għandha tagħmlu hekk iżda għaliex kieku l-pultieri kienu jqumu aktar flus. Fl-istess ħin l-imsemmija ħajjata qalet ukoll illi ndunat bid-difett u l-problema meta kienet qiegħda tgħaddi l-pultiera pero' għalkemm indunat dan it-Tribunal jinnota illi hija la ħadet l-inizjattiva li tagħmel l-aġġustamenti neċessarji sabiex din il-pultiera tingħata lill-attriċi meħjuta b'mod illi l-

attriċi ikollha pultiera meħjuta kif stenniet galadarba qabbdet persuna tas-sengħa u lanqas ma qaltilha li rriskontrat problemi fil-mgħodija.

Illi ta' min jgħid illi filwaqt illi xogħol bejjiegħ tad-drapp huwa limitat għall-bejgħ tad-drapp, ix-xogħol tal-ħajjata huwa servizz illi biex jingħata b'mod kompulut il-prodott finali jrid ikun magħmul skont l-arti u s-sengħa liema sengħa tinkludi wkoll il-fatt illi irrispettivament mill-problemi li jinqalgħu dawn għandhom jiġu riżolti b'mod sodisfaċjenti qabel mal-prodott finali jingħata lill-klijent.

Illi din ma kienetx kwistjoni ta' prodott (i.e. drapp) difettuż, eżempju, drapp mibrum minnu. Il-kwistjoni kienet illi l-kfief tal-ġnub dehru mibrumin għaliex inħietu mal-inforra qabel ma tgħadda d-drapp w'għaldaqstant meta tgħadda u kiber inbarmu l-kfief.

Illi dan it-Tribunal għandu jgħaddi ġudizzju fil-konfront tas-soċjeta' intimata biss peress illi l-attriċi għażlet illi tipproċedi kontra l-imsemmija soċjeta' biss w'għaldaqstant mhux ser tgħaddi ġudizzju fil-konfront ta' persuni oħra. Il-punti hawn fuq magħmula qiegħdin jiġu magħmula għaliex juru illi s-soċjeta' intimata m'għandhiex ma biegħetx drapp difettuż w'għaldaqstant m'għandhiex tbati konsegwenzi ta' dak illi mhux addebitat lilha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' tħoss illi t-talba tagħha m'għandhiex tiġi milqugħa.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-attriċi.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**